MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 92/1997/1

**Spaces Company Limited**

**Vs**

**Patman Company Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz prezentat mis-socjeta attrici fl-20 ta' Awwissu 1997 li permezz tieghu talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u hamsa u erbghin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm645.31) rapprezentanti bilanc mill-hlas dovut ghall-fornitura ta' *plastic bags* maghmula lilek mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja mibghuta fit-3 ta' Gunju 1996, tal-ittra ufficjali spedita f'Lulju 1996 u bl-imghaxijiet dovuti skond il-Ligi mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata mis-socjeta konvenuta fis-27 ta’ Novembru 1997 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma milquta bil-preskrizzjoni bid-dekors tat-terminu ta’ tmintax-il xahar ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili, kif ukoll bid-dekors ta’ sentejn ai termini tal-artikolu 2149 tal-istess Kodici.

2. Illi bla pregudizzju, it-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex is-socjeta konvenuta m’ghandha taghti xejn peress li x-xoghol ma twettaqx skond l-arti u s-sengha u ghaliex il-materjali fornut ma kienx tal-kwalita’ pattwita, kif ukoll hgaliex fit-talba taghha s-socjeta attrici qeghda titlob interessi illi ma humiex u ma jistghu qatt ikunu dovuti mill-esponenti.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-att tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Mejju 2007 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:-

1. Il-kaz jittratta dwar talba ghall-hlas ta’ sitt mija u hamsa u erbghin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm645.31) bilanc mill-hlas dovut ghall-basktijiet tal-plastik li s-socjeta attrici ssupplixxiet lis-socjeta konvenuta. Mill-provi rrizulta li qabel fetah il-kumpless ta’ Tigrija Palazz (Ottubru 1994), is-socjeta attrici kienet hadet ordni minghand il-hwienet li kienu ser joperaw minn dan il-kumpless ghal fornitura ta’ basktijiet tal-plastik (ara xhieda ta’ Claire Galea moghtija fis-seduta tat-23 ta’ Mejju 2007). Is-socjeta konvenuta kienet wahda minn dawk li ghamlet ordni. Il-kumpannija attrici tifforma parti mill-Magro Brothers Group of Companies.

2. L-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta hija l-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) u 2149 tal-Kodici Civili. Il-fatt rilevanti huma s-segwenti:-

(a) Il-konsenja tal-basktijiet lis-socjeta konvenuta saret f'Settembru 1994.
(b) Il-fatturi li gew ezebiti jgiebu d-data tal-15 ta' Dicembru 1994 (Dok. CG1-CG2[1]).
(c) Fil-31 ta' Lulju 1996 giet prezentata ittra ufficjali kontra s-socjeta konvenuta li giet debitament notifikata fit-2 ta' Awwissu 1996[2], u li permezz taghha giet interpellata thallas id-dejn li qieghed jintalab permezz ta' dawn il-proceduri.
(d) Jidher li f'xi zmien, izda mill-atti ma jirrizultax meta, is-socjeta konvenuta ghamlet pagament akkont ta' mija u sitta u disghajn lira Maltija (Lm196)[3]. Il-Qorti tifhem li l-hlas li sar kien fir-rigward tal-basktijiet iz-zghar in kwantu fuq dan ma kien hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet. Il-problema nqalghet fuq il-basktijiet il-kbar.

3. Kif tajjeb inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[4] fil-kawza fl-ismijiet **Albert Camilleri et vs L-Avukat Dr. Richard Galea Debono proprio et noe** deciza fl-1 ta' Lulju 1997:- *"irid jinghad, illi l-filosofija legali li tiggustifika dan l-istitut tal-preskrizzjoni huwa illi wara certu zmien l-obbligazzjonijiet bejn partijiet iridu jigu definiti. L-ordinament guridiku ma jistax jippermetti illi l-litigji jibqghu imdendlin minghajr ma jigu rizolta. Dan mhux biss ghax fih innifsu jista' jkollu effett negattiv socjali/legali izda wkoll, mill-att prattiku ghax aktar ma jghaddi z-zmien aktar isir difficli biex jitressqu dawk il-provi necessarji a tempo vergine biex issir il-gustizzja. Dan il-principju pero' ghandu jkun kontro-ibbilancjat bil-fatt illi l-preskrizzjoni f'diversi kazijiet fejn tinghata l-eccezzjoni b'success, twassal biex obbligazzjoni verament ezistenti tigi estinta"*.

---

[1] Fol. 38-40.
[2] Il-Qorti rat il-volum tal-ittri ufficjali ghax-xahar ta' Lulju, 1996 u kkonstat dan il-fatt. Ittra ufficjali li saret riferenza ghaliha fl-avviz li pprezentat is-socjeta attrici.
[3] Fol. 7 (xhieda ta' Ronald Galea direttur tas-socjeta attrici).
[4] Onor. Imhallef Noel Arrigo.

4. Hu maghruf ukoll li *"il-konvenut li jeccepixxi l-preskrizzjoni estintiva tal-azzjoni ma jehtieglu jipprova xejn hlief li **l-preskrizzjoni ecce pieta hi dik li tapplika ghall-kaz u li ddekorra t-terminu preskrittiv**. Dan stabbilit, sta ghall-attur kreditur li jaghzel it-triq kif irid jiddefendi ruhu kontra din l-eccezzjoni bil-mezzi li tghatih il-ligi. Hu l-attur li jrid jipprova s-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv jew l-ammissjoni tal-kreditu mill-konvenut jew alternattivament li jsejjahlu ghall-gurament decizorju"* (Qorti ta' l-Appell – Sede Inferjuri fil-kawza **Joseph Aquilina noe vs Edgar Ellul** deciza fis-16 ta' Gunju, 1994).

5. L-Artikolu 2148(b) jipprovdi li l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar tapplika *ghal "azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut"*. Skond il-gurisprudenza dan il-provvediment ma japplikax biss fil-kaz ta' bejgh minn kummercjant lill-persuna li ma hijiex fil-kummerc, u jiddependi jekk il-bejgh ikunx sar bl-imnut jew bl-ingrossa (ara per ezempju sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawzi **Joseph Grech vs Domenico Savio Spiteri** deciza fil-25 ta' Mejju 2001 u **Emmanuel Micallef et proprio et noe vs Francis Mercieca** deciza fis-26 ta' Mejju 1967). Fil-kawza fl-ismijiet **Fenech vs Galea** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta' Jannar 1912[5] gie osservat li l-ligi thares lejn il-vendita u mhux lejn x'inhi l-professjoni abbitwali ta' min jaghmel il-bejgh; *"e se questa e' fatta a minuto, cioe' in piccolo partite, essa soggiace alla prescrizione breve di diciotto mesi, sia che venga fatta dal negoziante al dettagliatore sia che da quest'ultimo si faccia al consumatore, potendo darsi il caso che anche il grossista rivenda in qualche caso particolare le sue merci in dettaglio"*[6]. Fil-kawza fl-ismijiet

[5] Volum XXI.i.406.

[6] Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Gio Maria Camilleri vs Avv. Dr. Rene' A. Cremona et noe** deciza fl-4 ta' Gunju 1963 (Vol. XLVII.iii.1134) inghad:- *"ghall-fini tal-preskrizzjoni l-ligi ma zzomm l-ebda rigward tal-professjoni abitwali sia tal-grossista sia tal-minutant imma tikkunsidra biss il-vendita fiha nfisha u l-kwantitattiv tal-merci fornita indipendentement mill-prezz"*. Fil-kawza **Michael Fenech noe vs Piu Camilleri** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Jannar 1993, gie osservat *".....u kif gie*

**Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited**, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)[7] fis-7 ta' Dicembru 2005 osservat li:- *"Fl-ewwel lok jinsab ritenut illi fil-kaz ta' bejgh bl-imnut huma kontemplati dawk kollha, kummercjanti jew le, li jbieghu oggetti ta' konsum gjornalier, tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux (Ara kollez. Vol. XLV.iii.813). Dan ifisser li fl-Artikolu 2148(b) il-ligi taghna tipprexxindi mill-kwalita' tal-persuni u anzi ma tharisx lejn dik li tista' tkun abitwalment il-professjoni tan-negozjant imma thares lejn il-vendita partikulari in kwistjoni per se (Kollez. Vol. XLVIII.ii.959)"*. Il-konkluzjoni hi li jista' jkollok per ezempju wkoll bejgh bl-imnut fejn persuna fin-negozju tbiegh lill-negozjant iehor biex dan jerga' jbiegh l-oggetti. Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Borg vs Dr. Giovanni Bonello et noe** deciza fis-26 ta' Gunju 1970 fejn gie ddikjarat li:-*"il-kwistjoni distintiva fondamentali tal-bejgh bl-ingrossa u dak bl-imnut,….. jidher li fil-fatt jirrisjedi fil-kwantitattiv mibjugh. Jekk il-kwantitattiv tal-partita jkun, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u anki mizurat mill-bzonn tax-xerrej, zghir, allura l-bejgh ikun bid-dettall"*[8].

6. Il-Qorti tammetti li l-provi li tressqu huma xi ftit skarsi u dan minkejja li din hija kawza li ilha pendenti kwazi ghaxar (10) snin. Jidher li dan kien negozju ta' darba ta' xiri ta' basktijiet tal-plastik ghall-bzonn tax-xerrej fin-negozju tieghu. Dawn il-basktijiet inxtraw mis-socjeta konvenuta sabiex tuzahom fil-hanut taghha sabiex meta tbiegh oggetti lill-klijenti taghtihom basket fhix igorru l-oggetti li jkunu xtraw mill-hanut. Il-Qorti qeghda tifhem li din kienet operazzjoni semplici ta' kompravendita ta' basktijiet. Mill-provi li tressqu, il-fatti f'dan il-kaz ma jattaljawx mal-figura guridikat tal-bejgh bl-imnut. Dan

---

*ga' osservat dak li jiddetermina n-natura tal-konsenja, cjoe' jekk hux bl-imnut jew bl-ingrossa, huwa n-negozju partikolari li jkun sar u partikolarment l-ammont involut"*.

[7] Onor. Imhallef Philip Sciberras.

[8] Dan il-bran gie citat b'approvazzjoni fil-kawza fl-ismijiet **Paul Formosa vs Salvu Debono** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001. Insenjament li gie applikat ukoll fil-kawza fl-ismijiet Dr. **Thomas Abela noe vs Saviour Camilleri** (Cit. nru:- 802/97) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef Frank Camilleri) fit-8 ta' Mejju 1998.

qieghed jinghad mehud ukoll in konsiderazzjoni l-element tal-kwantita. Fil-kawza **John Cini vs Salvatore Debono** deciza mill-Qorti tal-Kummerc[9] fil-5 ta' Gunju 1951 (Vol. XXXV.iii.613) gie ddikjarat:- *"…f'dan il-kaz ma hemmx bejgh fi kwantitajiet zghar lill-konsumatur, imma bejgh ta' kwantitajiet pjuttost rilevanti, intizi ghall-annimali ta' proprjeta' tal-konvenut, mizmuma minnu, almenu precipwament, ghan-negozju tieghu, kif qal hu stess fol. 13; ma jistax kwindi ragonevolment jinghad li l-bejgh kien bl-imnut"*. Il-kawza kienet tittratta talba ghall-hlas ta' prezz ta' xghir u smida mibjugha lill-konvenut. L-istess fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Peter Fenech noe vs Medina Food Manufacturing Company Limited** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)[10] fis-7 ta' Novembru 1997, il-Qorti qieset l-element tal-kwantita' bhala dak li kien rilevanti. Dan kien kaz fejn inxtrat kwantita' ta' zebgha sabiex tigi mizbugha fabbrika ghall-prezz komplessiv ta' tmien mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm825). Il-Qorti qieset li konsenja simili ma setghetx tqiesu bhala bejgh bl-imnut. L-istess konkluzjoni waslet ghaliha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Carmel Attard et noe vs Saviour Vella** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[11] fid-29 ta' Novembru 2001 li giet konfermata fil-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Dicembru 2004. F'din il-kawza l-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-affarijiet mixtrija gew utilizzati u hekk kienu intenzjonati, fin-negozju tal-konvenut. Il-Qorti wara li rriferiet ghall-kontijiet li gew prezentati (Dok. CG1-CG3)[12], ma tistax tqies dan il-bejgh bhala wiehed bl-imnut. In-numru ta' basktijiet mixtrija m'huwiex zghir u anzi huwa apprezabbli u l-prezz huwa fattur iehor li fil-fehma tal-Qorti ghandu jxaqqleb il-mizien kontra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar skond l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili (Kap. 16).

7. Fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bazata fuq l-Artikolu 2149 tal-Kodici Civili (Kap. 16), is-socjeta konvenuta ma semmitx il-paragrafu li fuqu qeghda tistrieh.

---

[9] Onor. Imhallef William Harding.
[10] Onor. Imhallef Joseph Said Pullicino.
[11] Onor. Imhallef Raymond Pace.
[12] Fol. 38-39.

Issir riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza **Maltacom plc vs Paul Piscopo** deciza fil-5 ta’ Lulju 2006:- *"L-artikolu 2156 tal-Kodici Civili … jipprospetta f'hames incizi ben distinti, il-preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda minn ohra. Hi ligi li l-Qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata (artikolu 2111) . Li jfisser li l-Qorti ma ghandhiex toqghod tfittex biex tara jekk ghall-kaz hix applikabbli xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata* ***b'mod car u esplicitu*** *minn min jinvokaha (ara Kollez. vol. XXXIII P 1 p 481 u "Francis Bugeja nomine - vs - Indria Mercieca" Appell 29 ta' Mejju 2000)"*. B’analogija ghandu japplika l-istess principju. F’kull kaz anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss dan l-Artikolu kien applikabbli, il-perjodu ta’ sentejn m’ghaddiex minhabba l-ittra ufficjali prezentata fil-31 ta’ Lulju 1996 li kif rajna giet notifikata lis-socjeta konvenuta fil-bidu ta’ Awwissu 1996[13]. Ghalhekk f’dan ir-rigward il-Qorti hija sodisfatta li s-socjeta attrici rnexxielha taghti prova li dan it-terminu gie interrott b’wiehed mill-motivi legali stabbiliti mill-ligi bl-Artikoli 2128, 2133 jew 2134 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

8. Il-Qorti ser tghaddi issa biex tittratta l-meritu tal-kawza. Is-socjeta konvenuta qeghda ssostni li l-basktijiet m’humiex tal-kwalita’ pattiwita. Mill-provi rrizulta li:-

(a) L-oggetti sal-lum ghadhom fil-pussess tas-socjeta konvenuta.
(b) M’hemmx kontestazzjoni li l-ammont pretiz mis-socjeta attrici ma thallasx.

[13] Kif rajna huwa l-attur li jrid jaghti prova li kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Huwa principju komunement konfermat fil-gurisprudenza li fejn bniedem ikun jaf bi stat ta’ fatt li jintitolah jezercita dritt u jhalli dak l-istat minghajr ma jagixxi tieghu u lanqas, almenu, ma jipprotesta, jew jiehu passi interruttivi, it-titolar tad-dritt jista’ jitqies fic-cirkostanzi kongruwi li jkun irrinunzja ghall-prosegwiment ta’ dak id-dritt (ara pe ezempju kawza **Carmelo Calleja vs Carmelo Sciortino** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef M. Caruana Curran, deciza fit-30 ta’ Novembru 1971).

Rilevanti hija x-xhieda moghtija minn Emanuel Sultana (direttur tas-socjeta konvenuta) u Claire Galea (impjegata tas-socjeta attrici li kienet hadet ordni):-

**Emanuel Sultana xehed** (seduta tat-23 ta' Gunju 1998) li l-ordni kienet ta' *"basktijiet zghar"* u li meta saret il-konsenja kienu nghataw *"basktijiet zghar u ohrajn kbar qishom xkejjer li ghalina dawn ma jservuniex. Ahna nbieghu affarijiet zghar"*. Kompla jispjega li l-basktijiet il-kbar ittiehdu mis-socjeta konvenuta pero' kienu lmentaw ma' John Saliba[14] u l-ilment taghhom sar mill-ewwel. Iddikjara, *"qabel ma xtrajna dawn il-basktijiet ahna ma gejniex murija kampjuni. Tista' tghid illi xtrajna fl-ghama, la measurements u lanqas ghamla jew qisien ta' basktijiet. Galea qaltilna fuq xi size illi jirrispekja l-basktijiet iz-zghar imma fuq tal-kbar ma qaltilna xejn"*.

**Claire Galea xehedet** (seduta tat-23 ta' Mejju 2007) li kienet hi li hadet l-ordni u din saret fuq kampjuni li wriet lil Emanuel Sultana (*"l-ordni saret fuq is-samples li jiena kont urejtu"*). L-ordnijiet kienet hadithom kollha hi u li fir-rigward tas-socjeta konvenuta ma sar ebda ilment meta saret il-konsenja. Pero' tikkonferma li xi zmien wara (pero' ma tiftakarx kemm wara) Emanuel Sultana kien ilmenta dwar id-daqs tal-basktijiet.

9. Ghalkemm il-Qorti hi rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kontrastanti, tistqarr li l-tqies il-verzjoni moghtija minn Claire Galea bhala iktar verosimili. Il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' lil din ix-xhud *viva voce* u hija tal-fehma li kienet ferm konsistenti fil-kors tad-deposizzjoni. Fir-rigward tas-socjeta konvenuta, ma tat l-ebda spjegazzjoni ta' kif zammet il-konsenja tal-basktijiet il-kbar jekk kif qal Emanuel Sultana qatt ma saret ordni simili, u mehud in konsiderazzjoni wkoll li skond l-istess xhud *"ahna nbieghu affarijiet zghar"*[15]. Wiehed jifhem li jekk kif

[14] John Saliba xehed fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2007 u spjega li l-uniku ilment li rcieva kien fil-mori ta' dawn il-proceduri (fol. 37) u li fis-socjeta attrici ma jokkupa l-ebda kariga.
[15] Fatt li gie kontrastat ukoll minn Claire Galea u John Saliba (seduta tat-23 ta' Mejju, 2007).

xehed Emanuel Sultana dawn il-basktijiet ma kienux adatti ghas-socjeta konvenuta, kienu jirrifjutawhom mal-konsenja u mhux izommuhom ghal dan iz-zmien kollu. Dan indipendentement mill-fatt li jirrizulta li f'xi zmien kienu lmentaw dwar id-daqs tal-basktijiet. Dan apparti konsiderazzjoni ohra li l-Qorti taraha inverosimili li mehud in konsiderazzjoni li l-ordni u l-prezz kienu apprezabbli, is-socjeta konvenuta xtrat *"fl-ghama, la measurements u lanqas ghamla jew qisien ta' basktijiet"* (xhieda ta' Emanuel Sultana a fol. 10). Il-Qorti hija tal-fehma li l-konsenja kienet fil-fatt tirrispekja l-ordni li saret lil Claire Galea u s-socjeta konvenuta ma kienitx inadempjenti fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet taghha.

10. Konsiderazzjonijiet ohra li fil-fehma tal-Qorti huma rilevanti ghall-ezitu ta' din il-vertenza huma li:-

(a) It-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta tikkontradici x-xhieda moghtija minn Emanuel Sultana in kwantu dan isostni li *"qabel ma xtrajna dawn il-basktijiet ahna ma gejniex murija kampjuni.* ***Tista' tghid illi xtrajna fl-ghama, la measurements u lanqas ghamla jew qisien ta' basktijiet****"*. L-eccezzjoni tal-kwalita' pattwita ma tmurx mal-verzjoni tal-fatti moghtija minn Emanuel Sultana.

(b) Is-socjeta konvenuta accettat il-konsenja u baqghet izzomm l-affarijiet u fl-ebda stadju ma hadet passi sabiex dawn jigu depozitati fil-Qorti. Sahansitra Emanuel Sultana xehed li *"ipprovajna nirrangawhom imma ma nistawx, ma ghandniex l-ghodda necessarja"*[16].

(c) L-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kwalita pattwita hija milquta minn perjodu ta' dekadenza ta' sentejn. Ghalkemm l-ilment li l-oggetti m'humix tal-kwalita' pattwita tista' tinghata bhala eccezzjoni, trid tinghata fit-terminu kontemplat mil-ligi; *"Id-difiza ewlenija tax-xerrej kienet li jirrifjuta l-oggett materjalment jew billi jiddepozitah taht l-awtorita' tal-Qorti. Jista' wkoll jaghzel li jaccettah u jhallas*

[16] Fol. 9.

*ghalih prezz anqas. Din kienet difiza li x-xerrej seta' javvanza ukoll per via di eccezione jekk il-bejjiegh jinterpellah biex ihallas il-prezz ta' l-oggett in vendita'. Mill-banda l-ohra, jekk ix-xerrej jaghzel li jzomm l-oggett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreagixxi skond kif trid il-ligi ghall-fatt li dak l-oggett ma jkunx skond il-kampjun jew tal-kwalita' pattwita, hu jkun iqieghed jippregudika rrimedjabbilment ilposizzjoni tieghu"* (**Zammit Automobiles Limited vs Charles Bezzina** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[17] fit-30 ta' Gunju 2003). Din l-osservazzjoni saret fir-rigward tal-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili (Kap. 16)[18]. Mill-provi rrizulta li l-konsenja saret f'Settembru 1994 filwaqt li l-eccezzjoni nghatat fis-27 ta' Novembru 1997, cjoe' wara li kien diga' skada t-terminu prefiss mil-ligi;

(d) Mix-xhieda ta' Emanuel Sultana jidher li huwa ppretenda li s-socjeta attrici tirranga l-basktijiet ta' daqs kbir li gew konsenjati; *"L-artikolu 1390 tal-Kap. 16 kjarament u tassativament jiddeponi illi 'jekk il-haga li l-bejjiegh jigi biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita' mweghda jew ma tkunx bhal lkampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel : (1) jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni ; (2) jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit' . Minn imkien fil-ligi ma jirrizulta d-dritt li qed jippretendu l-appellanti li l-venditur izomm l-oggetti li ma jkunux skond il-kwalita' miftehma jew bhall-kampjun u jesigi li dan jigi b'xi mod irrangat, in parte mibdul jew sostitwit . Din hi dispozizzjoni essenzjali ghall-protezzjoni tal-kompratur kontra l-pretensjoni tal-venditur li, una volta jkun ikkonsenja oggett mhux tal-kwalita' miftehma jew mhux bhall-kampjun, jippretendi li l-kompratur kellu jzomm dak l-oggett ikkonsenjat waqt li hu jipprova jirrangah jew jimmodifikah biex igibu jaqbel mal-kampjun jew mal-*

---

[17] Onor. Imhallef G. Valenzia.

[18] Hekk ukoll fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Andrew Camilleri et noe vs Daniel Edwin Sayles** deciza fis-27 ta' Gunju 2003:-*"Huwa indiskutibbli, anke ghaliex ormai hu daqstant iehor pacifiku, illi d-dritt rizervat mil-ligi lill-kompratur bl-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili jista' jigi ezercitat "per via di eccezione". Tali huma d-decizjonijiet kif manifest f'dawn l-ezemplari:"**William Portelli nomine -vs- Paul M Laferla**", Appell Kummercjali, 8 ta' Mejju 1939 u "**Emanuel Borg -vs- John Xuereb**", Appell Civili, 25 ta' Jannar 1989; u "**Nazzareno Cauchi nomine -vs- Joseph Baldacchino nomine**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997".*

*kwalita' miftehma . Il-kompratur kellu d-dritt li jaghzel li jirrifjuta l-oggett jew li jzommu bi prezz anqas . Din hi l-ghazla miftuha lill-kompratur li l-appellanti, ghar-ragunijiet taghhom, ma ghamlux."* (**Joseph Cassar Aveta nomine vs Jospeh Gatt et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Dicembru 1998).

11. Fit-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta jinghad ukoll li *"x-xoghol ma twettaqx skond l-arti u s-sengha"*. Is-socjeta attrici ma wettqet l-ebda xoghol u hawn si tratta ta' semplici kompravendita. Bla pregudizzju u f'kull kaz, mill-provi ma jirrizultax li s-socjeta konvenuta li l-basktijiet ghandhom xi difett.

12. Fir-rigward tal-imghax, fil-kaz odjern l-imghax huwa mnissel minn obbligazzjoni ta' natura kummercjali. Ghalhekk l-imghax ghandu jiddekorri certament mid-data tal-hrug tal-invoices (15 ta' Dicembru 1994) in kwantu mill-invoices li gew ezebiti ma jidhirx li s-socjeta konvenuta inghatat il-facilta' ta' xi zmien minghajr imghax.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija u hamsa u erbghin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm645.31) u bl-imghax b'sehh mill-15 ta' Dicembru 1994.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------